MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 478/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Joseph Pace**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Pace iben Martin u Maria Concetta nee' Delia, imwieled il- Pieta' fid-29 ta' Dicembru, 1988, li joqghod fil-fond numru 8, Triq il-Kurcifiss, l-Isla jew Flat Nru. 6, Blokk G, Unit Nru. 1, Binja tal-Gvern, Triq il-Knisja, Rahal Gdid  u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 13889(M)

(a) Akkużat talli fid-19 ta' Gunju, 2009 ghal habta tal-10.30 ta' filghaxija, filwaqt li kien fl-inhawi tal-ponta tal-Isla, flimkien ma' persuni ohra, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' John Baptist Degiorgio minn Bormla f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi f' wiċċu, skont ma ccertifika Dr Camilleri M.D. mill-isptar Mater Dei, liema ferita ggiblu debulizza permanenti, mankament jew sfreggju fil-wicc.

(b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, meta kien jaf jew imissu kien jaf li b' tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

(ċ) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fl-inhawi tal-ponta tal-Isla fil-hin ta' matul il-lejl, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbilku.

(d) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen, indicenti u dagha.

(e) Nhar id-19 ta' Gunju, 2009, filwaqt li kien fuq il-ponta tal-Isla ikkawza hsara volontarja fuq vettura tal-ghamla Peugeot mudell 306 li ghandha n-numru tar-registrazzjoni GAA 834 ghad-dannu ta' Filippa maghrufa bhala Phyllis Degiorgio u persuni ohra, liema hsarat jeccedu €1,162.70 (Lm500).

(f) Fl-istess data, hin u lok ikkawza grieħi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Amadeo Brincat, hekk kif iccertifikat minn Dr Darryl Xuereb M.D. mic- Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

(g) Fl-istess data, hin u lok, ikkawza feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Fabian Brincat.

(h) Kiser il-provvediment ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 moghti mill- Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-11 ta' Frar, 2008.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-art. 412(C) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika wkoll l-art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat is-sentenza tas-17 t’Ottubru 2012 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Joseph Pace’ li fiha l-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, tar-raba’, u tal-ħames imputazzjonijiet, filwaqt li ddikjarat preoċediment eżawrit fir-rigward tat-tmien imputazzjoni, u filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tas-sitt u tas-seba’ imputazzjonijiet u illiberatu minnhom, wara li rat l-artikolu 216(1)(b) u 237(ċ) tal-Kap 9 sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu xahar priġunerija.  In oltre,  b’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 ikkundannat lill-imputat sabiex fi żmien xahar iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta’ disgħin Ewro (€90.00 ) rappreżentanti sehmu mill-ispejjeż rinkorsi f’inkjesta peritali.

Rat ir-rikors tal-appell ippreżentat fit-23 t’Ottubru 2012 li fih l-aggravju ewlieni  huwa li fiċ-ċirkostanzi l-piena hija waħda eċċessiva u mhux idonea.

Skont l-appellant, il-ġlieda inbdiet minn ċertu Keith Vella u l-appellant kien involut għax kien hemm rissa.  Il-vittma kein qala’ daqqa ta’ tornavit minn għand Keith Vella.  L-appellant ta biss daqqa ta’ ponn lill-vittma.

Dak iż-żmien l-appellant kien għad għandu 20 sena u minn dak in-nhar sa llum ħadd min-nies involuti m’għadu miġġieled mal-bqija.  Għalhekk mhux opportun li l-appellant jintbagħat xahar priġunerija. Ikun aħjar jekk l-appellant jingħata ċans jirriforma ruħu.

Għalhekk huwa talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi tikkonfermaha fejn il-Qorti asteniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, tar-raba’ u l-ħames imputazzjonijiet, u fejn iddikjarat il-proċediment eżawrit fil-konfront tat-tmien imputazzjoni u fejn ma sabitx lill-imputat ħati tas-sitt u tas-seba’ imputazzonijiet u li minnhom illiberatu u fejn ma sabitx lill-imputat ħati tas-sitt u tas-seba’ imputazzjonijiet u li minnhom illiberatu, u fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni, tvarja s-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant għal piena ta’ xahar priġunerija u minflok tipprovdi għal piena aktar mita u idonea fiċ-ċirkostanzi.

Eżaminat l-atti tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li dan l-appell huwa limitat għal piena li ngħatat fuq sejbien ta’ ħtija tal-ewwel imputazzjoni biss.

Il-Qorti tal-Maġistrati hekk esprimiet ruħha dwar il-provi li wasslu biex l-appellant jinstab ħati ta’ din l-ewwel imputazzjoni:

‘Illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi għal ġrieħi ta’ natura gravi sofferti minn John Baptist Degiorgio.

Illi mid-depozizzjoni ta’ Degiorgio jirriżulta li meta mar fuq Keith Vella u Amadeo Brincat biex iferraqhom Vella tah daqqa fuq ġenbu (x’aktarx b’tornavit) u f’dak il-ħin ġew fuqu l-imputat u żewg persuni oħra u qabdu jagħtuh bil-ponn u kien b’hekk li soffra l-grieħi fuq wiċċu. Fabian Brincat, li dak il-ħin kien qiegħed mal-istess klikka ħbieb ta’ Degiorgio, jgħid li ra lil Keith Vella jaggredixxi lil Amadeo Brincat meta f’daqqa waħda mar l-imputat fuqu u tah daqqiet ta’ ponn fuq għajnejh u hu (Brincat) telaq jiġri u għalhekk ma jafx x’ġara aktar; dan ix-xhud ma qal xejn li seta’ jitfa’ dawl fuq l-inċident in kwantu jikkonċerna lil Degiorgio. Lanqas ix-xhud Giorgina Gerada ma qalet xejn li jirrigwarda dik il-parti ta’ l-incident meta Degiorgio safa’ imwegga’.

Illi huwa prinċipju ben stabbilit li xhud wieħed, jekk emmnut, huwa biżżejjed biex tigi pruvata xi imputazzjoni. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita lil Degiorgio[1] li ta verzjoni li hija verosimili. Tenut kont ta' dan fid-dawl tal-provi kollha f'dan il-proċess il-Qorti hija konvinta li l-imputat flimkien ma' żewġ persuni oħra aggredixxa lil Degiorgio u flimkien ikkaġunaw l-grieħi li sofra Degiorgio f'wiċċu.

Illi f'dan ir-rigward huwa stabbilit fl-artikolu 237 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li meta fi ġlieda aċċidentali xi ħadd isofri ġrieħi u ma jkunx jista' jiġi stabbilit minn kien l-awtur tal-offiża kull wieħed li jkun ha parti attiva kontra l-offiż għandu jirrispondi kif predispost f'dik l-imsemmija dispożizzjoni tal-Ligi. L-artikolu 237 mbagħad jistabilixxi piena differenti f'każ ta' ħtija a bazi tan-natura gravissima, gravi jew ħafifa tal-offiża.

Illi l-imputat qed jikkontesta (ukoll) in-natura gravi tal-offiża sofferta minn Degiorgio. Il-Qorti pero, wara li rat r-rapport tal-espert Dr Mario Scerri[2] u ċ-ċertifikati esebiti bhala Dok JB3 u Dok JB4, hija sodisfatta li b'riżultat tad-daqqiet ta' ponn Degiorgio sofra grieħi gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b) ċioe sfreġju f'wiċċu.

Illi għalhekk il-Qorti fil-fehma tal-Qorti l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat ġiet ippruvata.'

---

[1] 'F'temp ta' ftit ekondi ġew ħada nies fuqi u nnutajt lil Joseph (Pace) ġej fuqi u oħrajn u assejt daqqa ma' wiċċi, filfatt f'geddumi.......Minix f'pożizzjoni ngħid jekk id-daqqiet illi tanti Joseph Pace kinux daqqiet ta' ponn jew ta' jdejn miftuħa.' (fol 71 u 72). U a fol 104 ' Huwa kien jagħraf il-grupp ta' ġuvintur li agredeh u stqarr ukoll li kien ċerta Keith Vella li beda l-ġlieda. U a fol 241 'F'daqqa waħda ġie wieħed fuqi jgħidlu Joseph ta' Mamrui u qalli 'Aqtagħha inti' u beda jagħtini bil-ponn. Jien għidltu, 'X'għamiltlek jien?' u hu kompla jagħtini. Għidtlu, 'Jien nafek. Għalfejn qed ittini? Ħa nkomplu niġġieldu?' Baqa'' jagħtini u ġew tnejn oħr ma' ġenbi u kif tawni l-ewwel żewġ daqqiet, tbaxxejtilhom biex naħrab.........

[2] Ara fol 245 u 246 tal-proċess fir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri. 'Illi l-laċerazzjoni deskritta fuq ix-xoffa ta' fuq tal-ħalq ta' Degiorgio kienet riżultat ta' blunt trauma u tibqa' bħala marka permanenti fil-wiċċ;' Ara wkoll ir-ritratt ta' John Baptist Degiorgio fir-relazzjoni ta' Dr Mario Scerri.

Filfatt l-artikolu 237 tal-Kap 9 jipprovdi kif ġej:

**'237.** Meta fi ġlieda aċċidentali xi ħadd jibqa' maqtul jew offiż fuq il-persuna, u ma jinsabx min kien l-awtur tal-omiċidju jew tal-offiża, kull wieħed li jkun ħa parti attiva kontra l-maqtul jew l-offiż, jeħel, meta jinsab ħati -

(*a*) fil-każ ta' omiċidju, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin;

(*b*) fil-każ ta' offiża gravi li tkun ġiebet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija

għal żmien mhux iżjed minn sena;

**(*ċ*) fil-każ ta' offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur;**

(d) Omissis.'

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa

(a) il-fatti u l-provi kif jirriżultaw mill-proċess;

(b)ir-raġunijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għala ddeċidiet li timponi l-piena ta' priġunerija effettiva.

Mill-atti jirriżulta li meta sar l-inċident l-appellant kien għaddej minn żmien ta' probation għal sentejn li kellhom jispiċċaw fl-10 ta' Frar 2010. Dan l-inċident ġara fid-19 ta' Ġunju 2009 meta l-probation kien jonqosha seba' xhur u ftit jiem. Din il-probation kienet ingħatat għal każ simili għal dak ta' llum. Imbagħad fit-23 ta' Marzu, 2011 l-appellant kien instab ħati li ħebb għal Silvan Briffa u fl-14 ta' Diċembru 2011 talli insolenta lil David Sean Caruana.

Tassew li dak iż-żmien l-appellant kellu għoxrin sena, iżda anke wara dan l-aħħar inċident donnu li ma tgħallimx jaħrab l-inkwiet. Lanqas wieħed ma jista' jiskarta l-fatt li reġa' sab ruħu fl-inkwiet meta kien taħt probation proprju minħabba **f'fatti simili għal dawk tal-każ ta' llum.**

Il-Qorti nnutat ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet imponiet piena ta' priġunerija effettiva ta' tliet xhur iżda għażlet waħda ta' xahar. Din ma tistax titqies bħala piena eċċessiva iżda waħda ġusta ħafna fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**Konklużjoni**

Il-Qorti ma qed tara ebda raġuni għala għandha tvarja s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-17 t'Ottubru, 2012. Għalhekk qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza indikata fl-intier tagħha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------